MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2010

Numru. 872/2010

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Fabian Fenech, iben Victor, imwieled Pieta’ fis-26 ta’ Lulju, 1992, Karta ta’ l-Identita numru 269792(M)
u
Matthew Pace O’Shea, iben Paul, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ April, 1993, Karta ta’ l-Identita numru 170393(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra **Fabian Fenech**, waħdu:
talli fid-19 ta’ Awwissu, 2010, f’dawn il-Gżejjer, xjentement, laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ, cioe’ *IPhone* u *mobile drive* tal-marka ‘*Freecom*’ li ma jeċċedux il-valur ta’ €2,329.37 liema oġġetti kienu misruqa, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

Rat l-akkuża kontra **Matthew Pace O'Shea**, waħdu:
talli fid-19 ta' Awwissu, 2010 f'xi ħin bejn is-2.00 p.m. u l-4.00 p.m., mill-bajja magħrufa l-Exiles, Sliema kkometta serq ta' basket kontenenti għadd ta' oġġetti, inkluż flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeċċedix €2,329.37, li sar għad-dannu ta' Mark Tamagen Bayes Freestone u/jew ta' persuna/I oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Awwissu, fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-pulizija irkupraw ir-refurtiva kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Awwissu, 2010 fejn kull wieħed mill-imputati ammetta l-akkuża miġjuba kkontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lil **Fabian Fenech**, ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, l-eta' ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija u li l-oġġetti u il-flus ġew ritornati. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.
Issib lil **Matthew Pace O'Shea**, ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, l-eta' ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija u li l-oġġetti u il-flus ġew ritornati. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------